

Brussell, 20 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14202/25

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0326 (COD)

SOC 677
EMPL 444
EDUC 389
JEUN 216
ECOFIN 1366
JAI 1475
CODEC 1571

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 583 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 583 final.

Mehmuż: COM(2025) 583 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2025
COM(2025) 583 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena Ewropea tal-
Ħiliet**

{SWD(2025) 283 final}

1. Introduzzjoni

Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet (is-“Sena”) tħabbret mill-President tal-Kummissjoni Ewropea fid-[Diskors tagħha tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni](#) bħala rispons għan-nuqqas kritiku ta’ ħaddiema u ħiliet fl-Ewropa: *“Iżda l-kumpaniji Ewropej qed iħabbtu wiċċhom ma’ nuqqas ta’ ħaddiema. Għandna bżonn li nkunu ħafna aktar iffukati fejn jidħol l-investment tagħna fl-edukazzjoni professjonali u t-titjib tal-ħiliet. **Huwa għalhekk li qed nipproponi li s-sena 2023 tkun is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.**”*

Kważi tliet kwarti (74 %) tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) ma għandhomx ħaddiema tas-sengħa ⁽¹⁾ u l-Kummissjoni identifikat 42 professjoni li qed jesperjenzaw tali nuqqasijiet f’diversi setturi tal-ekonomija ⁽²⁾. Huwa stmat li 90 % tal-impjiegi se jitolbu ħiliet diġitali ⁽³⁾. Madankollu, aktar minn terz tal-forza tax-xogħol ma għandhiex il-ħiliet diġitali meħtieġa għall-biċċa l-kbira tal-impjiegi. Dawn in-nuqqasijiet huma magħqudin ma’ distakk dejjem akbar fit-taħriġ, peress li 39,5 % biss tal-adulti jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena ⁽⁴⁾. Minkejja dawn l-isfidi, hemm opportunitajiet, bi tkabbir sostanzjali fl-impjiegi antiċipat fis-setturi ekoloġiċi u diġitali, bi 3,5 miljun impjieg ġdid mistennija ⁽⁵⁾. Hemm ukoll potenzjal sinifikanti li għadu mhux sfruttat fost gruppi sottorappreżentati, bħan-nisa, iż-żgħażaġħ barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEETs, not in education, employment or training), ħaddiema b’livell baxx ta’ ħiliet, ħaddiema akbar fl-età u persuni b’diżabbiltà.

Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni u r-riżultati tas-Sena, f’konformità mal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni (UE) 2023/936 (id-Deċiżjoni tal-EYS (European Year of Skills)). Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn dokument ta’ ħidma tal-persunal (SWD, staff working document), li jagħti dettalji dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-azzjonijiet futuri tas-Sena.

2. Eżiti tal-politika u ideat emerġenti

L-oġettiv ġenerali tas-Sena kien li **tiġi promossa mentalità ta’ tiġdid u ta’ titjib tal-ħiliet**. Sabiex jinkiseb dan, is-Sena kellha l-għan li tippromwovi l-investment, iżżid ir-rilevanza tal-ħiliet permezz tal-kooperazzjoni, tqabbal in-nies ma’ opportunitajiet, u tattira t-talent.

Is-Sena inkludiet **diskussjoni ta’ politika komprensiva li damet sena** mal-partijiet ikkonċernati dwar ir-rwol tal-ħiliet u tal-politiki dwar il-ħiliet. Id-dibattitu wera li **l-pajjiżi Ewropej qed jiffaċċjaw sfidi simili ħafna** minħabba tibdil teknoloġiku mgħaġġel, tixji demografiku u forza tax-xogħol tal-UE li qed tonqos, flimkien mal-ħtieġa għal ekosistemi industrijali u ktajjen tal-provvista reżiljenti. Hemm kunsens wiesa’ li dawn ix-xejriet jimplifikaw il-**ħtieġa għal forza tax-xogħol kwalifikata fl-Ewropa**, li kapaċi tirrispondi għall-bidliet rapidi fil-ħtiġijiet tal-ħiliet.

2.1 Ħiliet għall-kompetittività tal-Ewropa

Il-konverżazzjoni li saret matul is-sena enfasizzat li l-ħiliet huma **assi strateġiku għall-produttività tal-Ewropa u faċilitatur trażversali essenzjali li jirfed il-kompetittività** fis-setturi ekonomiċi kollha, inkluż

(1) [Ewrobarometru](#)

(2) [Pjan ta’ azzjoni](#)

(3) [Kompetenza diġitali](#)

(4) [Policy context - Education and training - Eurostat](#)

(5) [COM/2023/652](#)

għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, kif rifless fil-Boxxla għall-Kompetittività għall-UE ⁽⁶⁾. Dan il-messaġġ ġie ripetut b'mod konsistenti matul is-Sena, u ġġenera l-momentum biex il-ħiliet jiġu integrati f'firxa wiesgħa ta' politiki f'**aktar minn 190 inizjattiva ġdida**⁽⁷⁾, imwettqa permezz ta' kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-istituzzjonijiet tal-UE.

Is-Sena għabet il-ħiliet fuq quddiem nett tal-aġenda politika tal-UE. Il-ħiliet dehru fl-inizjattivi kollha ħliet f'waħda mressqa fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-2024 ⁽⁸⁾ u fil-Linji Gwida Politiċi għall-mandat tal-Kummissjoni tal-2024 sal-2029.

Il-karattru **trażversali tal-ħiliet** ġie affermat mill-ġdid fil-livell ministerjali, filwaqt li l-Kunsill Kompetittività adotta konklużjonijiet dwar [“Industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna”](#) u [“Suq uniku għall-benefiċċju ta' kulħadd”](#) f'Mejju 2024.

Matul is-Sena, il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw il-ħtieġa urġenti li tingħata spinta lill-**ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali**. Il-Kummissjoni ppreżentat il-**Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku** u adottat l-**Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti**, li ppreveda t-tnedija ta' **akkademji tal-industrija b'emissjonijiet żero netti** għat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema f'teknoloġiji strateġiċi bħall-**batteriji, l-enerġija solari, l-idroġenu, il-materja prima u l-enerġija mir-riħ**. Kull akkademja għandha l-għan li ttejjeb u ġġedded il-ħiliet ta' 100 000 ħaddiem fi żmien 3 snin mit-tnedija tagħha.

It-tħabbira tas-Sena wittiet it-triq għall-adozzjoni ta' **Pakkett dwar l-Edukazzjoni u l-Ħiliet Diġitali** f'April 2023. Dan inkluda proposti għal **Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill** dwar [il-fatturi abilitanti ewlenin għall-edukazzjoni u t-taħriġ ta' suċċess](#) u dwar [it-titjib tal-forniment ta' ħiliet u kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ](#), adottati mill-Kunsill f'Novembru 2023. **L-akkademji għall-ħiliet diġitali** ġew stabbiliti bħala parti mis-Sena biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-forniment tat-taħriġ fiċ-**ċibersigurtà, fil-computing ta' prestazzjoni għolja** u fis-**semikondutturi**.

B'rabta mill-qrib mal-istrateġija industrijali tal-UE, il-**Patt għall-Ħiliet** għen fit-titjib u fit-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema madwar l-Ewropa bħala rispons għall-ħtiġijiet dejjem akbar tal-industriji. Il-Patt kiber għal 20 sħubija fuq skala kbira f'14-il ekosistema industrijali. Mill-2022, dan għen sabiex jiġu mħarrġa 3,5 miljun persuna, b'wegħdiet ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet ta' 25 miljun persuna sal-2030.

Diversi inizjattivi oħra **taw spinta lill-ħiliet speċifiċi għal settur**. Ir-reviżjoni tad-direttivi dwar l-**enerġija rinnovabbli** u l-**effiċjenza enerġetika** espandiet l-appoġġ għal ħiliet ċertifikati ta' **enerġija nadifa**. L-inizjattiva **BUILD UP Skills** li tejjeb il-ħiliet tal-professionisti biex tittejjeb l-**effiċjenza enerġetika** tal-binjiet fi 15-il Stat Membru. Sabiex jiżdied l-għadd ta' **speċjalisti tal-ICT**, il-Programm Ewropa Diġitali qed jiffinanzja taħriġ speċjalizzat. **Il-programm l-UE għas-Saħħa** jipprovdi taħriġ għall-ħaddiema tas-saħħa ffukat fuq il-ħiliet diġitali. **ComPact** jappoġġa lill-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-UE biex isiru aktar kwalifikati. Il-ħiliet kienu qasam ewlieni ta' fokus għall-**44 kumitat ta' djalogu soċjali settorjali tal-UE** li implimentaw azzjonijiet, ħarġu dikjarazzjonijiet jew iddiskutew il-ħtiġijiet settorjali usa' għall-iżvilupp tal-ħiliet bħala rispons għax-xena industrijali li qed tevolvi.

Filwaqt li n-nuqqas ta' ħaddiema u d-diskrepanzi fil-ħiliet f'setturi strateġiċi huma ċentrali sabiex jiġu indirizzati, kif ukoll biex tiġi xprunata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, **l-edukazzjoni u t-taħriġ**

⁽⁶⁾ [COM\(2025\) 30](#)

⁽⁷⁾ Azzjonijiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi tal-UE, sejħiet għal proposti, avvenimenti, proġetti u pubblikazzjonijiet.

⁽⁸⁾ Meta mqabbla ma' inqas minn nofs fl-2022 u fl-2023.

vokazzjonali (VET, vocational education and training) irċevew spinta permezz tas-sejħiet tal-Erasmus+ fl-2023 u fl-2024. Dawn is-sejħiet kienu ffukati fuq l-attrazzjoni tal-VET, iż-żieda fil-mobbiltà tal-apprendisti, it-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema, in-nisa fi GreenTech, il-mikrokredenzjali u r-reġistri tas-suq tax-xogħol.

2.2 Investiment fil-ħiliet

Matul is-Sena dehret fehma komuni li **l-ħiliet huma fattur determinanti ewlieni tat-tkabbir**, li jagħtu s-setgħa lill-individwi u jżidu l-produttività tan-negozji. L-UE qed tinvesti aktar minn **EUR 150 biljun** fl-educazzjoni u fil-ħiliet ⁽⁹⁾. **L-investiment tal-UE fil-ħiliet huwa mistenni li jagħti spinta lill-impjegi u lill-prodott domestiku gross (PDG)**. Żieda ta' 0,1 punt perċentwali fl-investiment fil-ħiliet għall-ħaddiema żgħażaġh potenzjalment se żżid l-impjegi globali b'0,25 % u se żżid il-PDG b'madwar 0,18 % fuq medda twila ta' żmien, u taqbeż l-investiment inizjali ⁽¹⁰⁾.

Is-Sena wasslet għal riflessjoni dwar **kif il-finanzjament jiġi investit fil-ħiliet**, u ġie rikonoxxut li **l-ħiliet għandhom jittqiesu bħala investiment aktar milli bħala kost**. L-istrateġiji biex jiġi mmassimizzat l-**impatt tal-investimenti fil-ħiliet** kienu fil-qalba ta' dawn id-diskussjonijiet. Sabiex jinftehem aħjar ir-rwol li l-investiment fil-ħiliet għandu fl-ixprunar tal-produttività, ġie miftiehem li huwa meħtieġ **kejl imtejjeb ibbażat fuq il-kost** tal-impatt tiegħu ⁽¹¹⁾. Ingħatat attenzjoni wkoll **għat-titjib tal-aċċess għall-finanzjament**, b'mod partikolari għall-SMEs. F'Mejju 2023, [Ewrobarometru Flash](#) żvela li l-SMEs huma affettwati b'mod sinifikanti min-nuqqas ta' ħiliet, u dan jenfasizza **l-ħtieġa għal appoġġ immirat**. Wara dan, f'Settembru 2023 ġie adottat il-[Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs](#).

Ġie kkonfermat ukoll li l-finanzjament tal-UE jaġixxi bħala **katalizzatur**, li jattira sorsi oħra ta' finanzjament u jiffaċilita l-ittestjar ta' approċċi ġodda u innovattivi fil-finanzjament tal-iżvilupp tal-ħiliet, inklużi sħubijiet pubbliċi-privati. Matul is-Sena, **is-sħubijiet pubbliċi-privati** bħall-Patt għall-Ħiliet, l-Alleanzi tal-Pjan ta' Azzjoni, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, u l-Akkademji għall-Ħiliet, komplew jippromwovu **investiment konġunt fit-titjib tal-ħiliet**. Fl-2024 tnedew madwar 15-il **Ċentru ta' Eċċellenza Vokazzjonali** ġdid u l-**Alleanza Ewropea għall-Apprendistati** esperjenzat tkabbir sinifikanti, b'aktar minn 450 wegħda, 40 impenn nazzjonali, u 2,5 miljun offerta ta' apprendistat.

2.3 Azzjoni Konġunta għall-ħiliet

Id-dibattitu matul is-Sena espona l-kumplessità tal-governanza tal-ħiliet, u l-ħtieġa għal **koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-oqsma industrijali, tas-suq tax-xogħol, tal-educazzjoni u oqsma oħra ta' politika**.

Is-Sena rawmet il-kooperazzjoni f'livelli differenti ⁽¹²⁾. **Il-koordinaturi nazzjonali** kellhom rwol ewlieni fil-livell nazzjonali li jippromwovi **approċċi tal-gvern sħiħ** għall-governanza tal-ħiliet. F'diversi pajjiżi **nħolqu korpi ġodda jew imtejba ta' governanza u partijiet ikkonċernati** ⁽¹³⁾. Is-Sena ffaċilitat

⁽⁹⁾ Taħt il-Fond Soċjali Ewropew+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Erasmus+, InvestEU, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, Ewropa Diġitali u fondi oħra — ara SWD.

⁽¹⁰⁾ [Rieżami tal-ESDE](#)

⁽¹¹⁾ [Gwida](#) tiddekrivi qafas għal kont satellita dwar in-nefqa fuq l-educazzjoni u t-taħriġ.

⁽¹²⁾ 76 % tar-rispondenti tal-istħarriġ ta' wara l-EYS qablu dwar il-kooperazzjoni li nħolqot is-Sena.

⁽¹³⁾ Id-Danimarka, l-Irlanda, Spanja, Franza, Ċipru, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Finlandja.

kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn il-pajjiżi; pereżempju, il-Greċja u Ċipru ⁽¹⁴⁾ iffirmaw [Memorandum ta' Qbil](#). Id-[Dikjarazzjoni Konġunta tal-Koordinaturi Nazzjonali tal-EYS](#) isservi bħala xhieda b'saħħitha għall-impenn tal-koordinaturi nazzjonali biex ikompli jaħdmu mill-qrib fuq il-ħiliet, filwaqt li jiżguraw li l-momentum iġġenerat mis-Sena jiġi sostnut u jintuża bħala bażi fil-futur.

Is-Sena enfasizzat ukoll ir-rwol ċentrali tad-**djalogu soċjali** fl-iżvilupp tal-ħiliet u fl-appoġġ lill-ħaddiema u lill-kumpaniji biex jinnavigaw it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali ⁽¹⁵⁾. Mibdija mill-Presidenza Spanjola, id-[Dikjarazzjoni Konġunta Tripartitika ta' Barċellona](#) ġiet iffirmata mill-Presidenzi tal-Kunsill tal-UE ⁽¹⁶⁾, mill-Kummissjoni, u mis-sħab soċjali tal-UE ⁽¹⁷⁾ fid-19 ta' Ottubru 2023, li tippromwovi sħubija tripartitika fl-implimentazzjoni tas-Sena u li tippermetti żvilupp usa' tal-ħiliet. **Is-sħubija tripartitika** kienet ukoll fil-qalba tal-implimentazzjoni tas-Sena f'ħafna pajjiżi ⁽¹⁸⁾.

Matul il-konverżazzjonijiet mas-sħab soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħra, ġie enfasizzat li kienet meħtieġa azzjoni biex jiġu indirizzati l-**ixprunaturi usa' tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet**, bħal kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f'ċerti setturi, ġestjoni ħażina tar-riżorsi umani ⁽¹⁹⁾ jew nuqqas ta' kura bikrija tat-tfal affordabbli. Wara s-Summit dwar is-Sħab Soċjali ta' Val Duchesse, il-Kummissjoni ppreżentat [pjan ta' azzjoni](#) biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet f'Marzu 2024, imħejji f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali tal-UE. Il-Kummissjoni għamlet ukoll [proposta](#) għal Direttiva dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-apprendisti u [proposta](#) għar-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2014 dwar Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' kwalità u inklużività.

Il-partijiet ikkonċernati tkellmu dwar il-ħtieġa li **jiġu antiċipati aħjar il-ħtiġijiet tal-ħiliet** u enfasizzaw li **l-approċċi lokali u settorjali**, kif ukoll il-koooperazzjoni b'saħħitha mal-partijiet ikkonċernati, huma kruċjali biex jiġi żgurat li **l-informazzjoni dwar il-ħiliet** tkun rilevanti u azzjonabbli. Il-Kummissjoni nediet l-għodda tal-**Europass** għat-[tendenza tal-impjiegi u tal-ħiliet](#) matul is-Sena u ppubblikat verżjoni ġdida tal-[Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi](#) u l-[Qafas Ewropew tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà](#). [ReserchComp](#), il-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għar-Riċerkaturi, tnieda f'Lulju 2023. Diversi pajjiżi ħadmu fuq l-informazzjoni dwar il-ħiliet matul is-Sena ⁽²⁰⁾.

Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Kumitat tar-Regġuni, għamlet enfasi qawwija fuq **l-approċċi lokali** għall-iżvilupp tal-ħiliet ⁽²¹⁾. F'Jannar 2023, ġiet adottata l-**Komunikazzjoni dwar l-Isfruttar tat-Talenti fir-Regġuni tal-Ewropa**. Sabiex tgħin lir-regġuni jattiraw, iħarrġu u jżommu t-talent, il-Kummissjoni nediet ukoll il-[Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent](#) u l-[Pjattaforma dwar l-Isfruttar tat-Talenti](#) tiegħu.

Is-Sena attirat interess globali, filwaqt li enfasizzat l-isfidi komuni u l-ħtieġa għal kooperazzjoni internazzjonali. Il-Kummissjoni Ewropea assumiet rwol prominenti fl-avvanz tal-edukazzjoni u l-ħiliet fir-relazzjonijiet esterni tal-UE. Dawn l-oqsma huma prijoritajiet ewlenin ta' investment fl-investment tal-[EU](#)

⁽¹⁴⁾ Is-Servizz Pubbliku Grieg tal-Impjiegi u l-Awtorità Ċiprijotta għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani.

⁽¹⁵⁾ [Opinjoni](#)

⁽¹⁶⁾ Il-Belġju, Spanja, l-Iżvezja.

⁽¹⁷⁾ Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU), Business Europe, SGI Europe u SMEUnited.

⁽¹⁸⁾ Il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Ċipru, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, is-Slovenja, in-Norveġja u l-Ukrajna.

⁽¹⁹⁾ [Rieżami tal-ESDE](#)

⁽²⁰⁾ Il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja.

⁽²¹⁾ [Riżoluzzjoni](#)

[Global Gateway](#). Is-Sena dehret b'mod ewlieni f'avvenimenti ta' livell għoli bħall-COP28 u ispirat lill-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN, Association of Southeast Asian Nations) biex tniedi Sena tal-Ħiliet fl-2025. It-Task Force tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija dwar it-Talent għat-Tkabbir ħeġġeġ il-kollaborazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-ħiliet għat-tkabbir ekonomiku; ippreżenta [dikjarazzjoni finali konġunta](#). Diversi organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-xogħol (ILO, International Labour Organization), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development), l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO), u Worldskills kienu involuti b'mod attiv matul is-Sena.

2.4 Għoti ta' setgħa lill-individwi

L-għoti tas-setgħa lill-individwi permezz tal-promozzjoni **ta' mentalità ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet** kien fil-qalba tas-Sena, u dan ippermetta lil kulħadd jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.

Madwar 14-il Stat Membru ⁽²²⁾ bdew jużaw il-finanzzjament tal-UE biex jiżviluppaw u jimplimentaw **kontijiet individwali tal-apprendiment (ILAs, individual learning accounts)**. L-ILAs jistgħu jgħinu biex id-dritt għat-taħriġ isir realtà fil-prattika.

L-**edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training)** ħareġ bħala suġġett ċentrali ieħor. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti l-ħtieġa li tiżdied l-attrazzjoni, il-kwalità u r-rikonoxximent tiegħu.

Matul is-Sena, il-partijiet ikkonċernati tkellmu dwar l-għoti tas-setgħa li żżid il-**motivazzjoni** u li ttejjeb **l-aċċess għal taħriġ ta' kwalità** fil-postijiet tax-xogħol u lil hinn minnhom. Lil hinn mill-ħiliet speċifiċi għax-xogħol, l-għoti ta' **ħiliet diġitali, trażversali u tal-ħajja** bħar-reżiljenza, il-ħsieb kritiku, il-litteriżmu finanzjarju, fil-media u tad-demokrazija tqies importanti. Dan huwa partikolarment rilevanti minħabba x-xejriet ġeopolitiċi u klimatiċi, iż-żieda fil-kontenut iġġenerat bl-IA u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni. Il-Kunsill approva l-[konklużjonijiet dwar il-litteriżmu finanzjarju](#) f'Mejju 2024. Ġiet enfasizzata l-urġenza tal-investiment fil-**ħiliet bażiċi** ⁽²³⁾.

Matul is-Sena, punt rikorrenti kien li **ħadd ma għandu jitħalla lura**, għalhekk hemm bżonn ta' **soluzzjonijiet imfassla apposta** u gwida biex jappoġġaw lill-individwi. Id-diskussjonijiet tas-Sena wrew lakuni fil-forniment ta' servizzi ta' gwida, għalkemm enfasizzaw ukoll Prattiki tajbin f'diversi pajjiżi ⁽²⁴⁾.

In-nisa, in-NEETs, il-persuni b'diżabbiltà, u l-persuni minn sfondi żvantaġġati kienu speċifikament fil-mira f'diversi inizjattivi. Dawn inkludew: i) is-sejħa tal-Kummissjoni għal proposti għal [innovazzjonijiet soċjali għat-titjib tal-ħiliet ta' żgħażaġh vulnerabbli](#); ii) l-inizjattiva “Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb” (ALMA, Aim, Learn, Master, Achieve), li tgħin lil aktar minn 800 żaġhżuġh vulnerabbli biex jergħu jintegraw fis-suq tax-xogħol jew isibu opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ; u iii) proġetti mmexxija miż-żgħażaġh taħt l-iskema Youth4OutermostRegions.

⁽²²⁾ Franza u l-Litwanja ffukaw fuq it-titjib ulterjuri tal-iskemi tal-ILA. Il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja qed jiżviluppawhom.

⁽²³⁾ [PISA](#) 2022 wissiet dwar tnaqqis fil-ħiliet bażiċi.

⁽²⁴⁾ Il-Belġju (Flanders), Spanja, Franza, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, is-Slovenja u l-Ukrajna.

F'kuntest fejn iż-żieda fil-produttività hija kruċjali għall-futur tal-UE, il-**ħiliet kollha għandhom jiġu stmati** fis-swieq tax-xogħol. Is-Sena poġġiet enfasi fuq l-**approċċi bbażati fuq il-ħiliet** għar-reklutaġġ u l-iżvilupp tal-persunal (imsejħa wkoll “**ħiliet l-ewwel**”) bħala faċilitatur għall-impjegaturi biex jisfruttaw ġabra usa' ta' talent u biex in-nies jissodisfaw il-potenzjal tagħhom. Dawn l-approċċi jistgħu jiġu kkomplementati minn opportunitajiet għall-**validazzjoni tal-ħiliet**, li jagħmlu l-apprendiment mhux formali u informali viżibbli.

Il-partijiet ikkonċernati rrikonoxxew il-valur tal-**kredenzjali diġitali u l-mikrokredenzjali** fl-appoġġ ta' dawn l-isforzi u fl-ghajjuna lill-individwi fil-karriera tagħhom b'mod aktar wiesa'. L-evalwazzjonijiet ta' Marzu 2024 tar-**Rakkomandazzjoni tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u tad-Deċiżjoni Europass** ⁽²⁵⁾ ikkonfermaw li l-inizjattivi jżidu t-trasparenza u l-fehim komuni tal-kwalifiki u tal-ħiliet, u l-fiduċja fihom.

2.5 Attirar tat-talent

Id-dibattitu tas-Sena fakkar ukoll li l-kompetittività tal-UE se tkun influwenzata mill-kapaċità tagħha li **tattira t-talent globali** u wassal għal konverżazzjonijiet dwar kif: i) jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet miksuba barra mill-pajjiż; ii) titnaqqas ir-regolamentazzjoni żejda tal-professjonijiet fil-livell nazzjonali u l-piżijiet amministrattivi; iii) jinħolqu kundizzjonijiet xierqa li jippermettu r-reklutaġġ u ż-żamma tat-talent minn pajjiżi terzi f'okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema; u iv) jissaħħu s-sħubijiet ma' pajjiżi terzi biex jinħolqu opportunitajiet ta' mobbiltà tal-forza tax-xogħol ta' benefiċċju reċiproku u jiġu stabbiliti mogħdijiet legali.

Sabiex l-UE ssir aktar attraenti għat-talent minn barra l-pajjiż, u biex tissimplifika l-mobbiltà fil-pajjiż, f'Novembru 2023, il-Kummissjoni adottat il-[Pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u tat-Talenti](#) li jinkludi [Komunikazzjoni ġenerali dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u tat-Talenti](#) bi proposta għal Regolament li jstabbilixxi [Riżerva ta' Talenti tal-UE](#), u [Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi](#). Dawn wittew it-triq għall-adozzjoni ta' [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar “l-Ewropa Attiva”](#) dwar l-opportunitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment għal kulħadd fit-13 ta' Mejju 2024. Is-Sħubijiet għat-Talenti mal-Marokk, mat-Tuneżija, mal-Eġittu, mal-Pakistan u mal-Bangladesh issaħħew ukoll biex jagħtu spinta lill-mobbiltà internazzjonali ta' benefiċċju reċiproku u lill-iżvilupp tal-ħiliet bejn l-UE u l-pajjiżi sħab.

3. Implimentazzjoni

Is-Sena kienet konverżazzjoni li ħadet ħafna forum — kampanja ta' komunikazzjoni, eluf ta' avvenimenti, u ħafna opportunitajiet ta' involviment wiesgħa għall-partijiet ikkonċernati u għaċ-ċittadini madwar l-Ewropa ⁽²⁶⁾.

3.1 Governanza

Is-Sena kienet sforz interistituzzjonali fil-livell tal-UE mill-Kummissjoni u mill-aġenziji tagħha, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-UE, mill-Kumitat tar-Reġjuni, u mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE).

⁽²⁵⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (Europass).

⁽²⁶⁾ Il-[proposta għal Deċiżjoni tal-EYS](#) stabbiliet l-għadd ta' avvenimenti bħala indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (KPI, key performance indicator). Ġew definiti KPIs oħra fl-istrateġija ta' komunikazzjoni tas-Sena.

Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-inklużjoni (DG EMPL) mexxa l-implimentazzjoni tiegħu f'kooperazzjoni mill-qrib ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni.

Is-Sena ġiet implimentata b'mod deċentralizzat u kollaborattiv. Total ta' 38 pajjiż, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE, ħatru [koordinatur nazzjonali](#). Il-koordinaturi nazzjonali kellhom rwol ewleni.

3.2 Riżorsi

Ir-riżorsi allokatu ntużaw għall-kampanja ta' komunikazzjoni (EUR 6,75 miljun), għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti ewlenin, għal laqgħat mal-koordinaturi nazzjonali u mal-esperti (EUR 0,935 miljun), u għall-istudji rilevanti (EUR 0,106 miljun).

3.3 Kampanja ta' komunikazzjoni

Il-Kummissjoni organizzat kampanja ta' komunikazzjoni fil-livell tal-UE, immirata lejn l-impjegaturi (primarjament l-SMEs), il-professjonisti, dawk li qed ifittxu impjieg, in-NEETs, dawk li jfasslu l-politika, il-partijiet ikkonċernati u l-fornituri tat-taħriġ.

Il-materjal komprensiv ta' komunikazzjoni li sar disponibbli għall-Istati Membri kollha tal-UE fil-lingwi rispettivi tagħhom inkluda [identità viżwali](#), [sit web](#) interistituzzjonali, u [sett ta' għodod ta' komunikazzjoni](#), li joffri materjali promozzjonali, preżentazzjonijiet u assi tal-media soċjali lesti għall-użu. Il-**hashtag #EuropeanYearOfSkills** ġiet promossa u użata aktar minn 14 000 darba ⁽²⁷⁾.

Il-partijiet ikkonċernati kienu multiplikaturi ewlenin. Il-kważi 7 000 post rawhom 61 miljun darba, li jindika li s-Sena tat bidu għal dibattitu pubbliku.

Sabiex jiġu promossi vjaġġi ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet, il-proġett “[Real People, Real Skills](#)” kien fih 200 storja individwali minn 30 pajjiż, flimkien ma' [vidjo](#).



Vidjo “Real People Real Skills”


⁽²⁷⁾ Ċitata 14 200 darba mid-9 ta' Mejju 2023 sat-8 ta' Mejju 2024.

L-isforzi ta' komunikazzjoni, imwettqa fuq livelli differenti, ġabu r-riżultati li ġejjin:

		
		f'miljuni
	Udjenzi milħuqa bir-reklam tat-TV f'ħames pajjiżi ⁽²⁸⁾	41
	L-ilħuq tar-reklamar ikkombinat imħallas fuq il-media soċjali, inkluż Facebook (58 miljun), Instagram (10,2 miljun) u LinkedIn (860 000)	69
	Żjarat tal-paġna fuq is- sit web tal-kampanja	3,6
	Żjarat tal-vidjo tal-kampanja fuq YouTube	69
	Żjarat tal-vidjo fuq il-pjattaforma tal-logħob Twitch	21,4
	Qarrejja milħuqa permezz ta' 64 sħubija nazzjonali tal-media	10,1
	Persuni milħuqa minn 32 influwenzatur tal-media soċjali mħallsa	3,01
	Persuni esposti għar-reklami fuq barra fi Brussell inkluż l-ajruport	4

⁽²⁸⁾ Il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, l-Italja u r-Rumanija ġew identifikati bħala li għandhom l-ogħla ħtiġijiet ta' komunikazzjoni.

Nies li raw jew semgħu bl-attivitajiet u bl-inizjattivi tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet:



Riżultati tal-istħarriġ taċ-ċittadini

3.4 Avvenimenti

Matul is-Sena, kien hemm **aktar minn 2 100 avveniment fi 42 pajjiż**, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE. Dawn urew l-ammont ta' involviment li sar biex jiġu promossi l-ħiliet f'varjetà ta' kuntesti. Dawn ġew organizzati mill-istituzzjonijiet, mill-aġenziji, min-networks, mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-partijiet ikkonċernati u miċ-ċittadini tal-UE.

L-attivitajiet tas-Sena kienu ċċentrati fuq **sitt avvenimenti ewlenin**, kull wieħed b'enfasi fuq udjenzi u oġettivi ewlenin. Dawn inkludew:

- il-Festival tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet fid-9 ta' Mejju 2023 b'7 300 żjara;
- il-Konferenza “[Making Skills Count](#)” bejn it-8 u d-9 ta' Ġunju 2023 b'1 300 parteċipant;
- il-[Ġimgħa tal-Ħiliet Vokazzjonali](#) mit-23 sas-27 ta' Ottubru 2023 b'500 avveniment nazzjonali u reġionali;
- il-Forum Ewropew dwar l-Impjiegi u d-Drittijiet Soċjali mis-16 sas-17 ta' Novembru 2023 b'2 200 parteċipant;
- l-avveniment “[Meet the Champions of Excellence](#)”, organizzat b'mod konġunt mal-KESE fit-23 ta' Frar 2024 bi 800 parteċipant; u
- “[he European Year of Skills – What Comes Next?](#)” fit-30 ta' April 2024 b'1 400 parteċipant.

Saru serje ta' **ħames laqgħat ta' esperti** li involvew diskussjonijiet strateġiċi dwar il-finanzjament tal-ħiliet, l-informazzjoni dwar il-ħiliet, l-approċċi fejn il-ħiliet jiġu l-ewwel, il-ħiliet fil-livell reġjonali (organizzati b'mod konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni), u l-esplorazzjoni tal-futur ta' Ewropa b'ħiliet permezz ta' eżerċizzju ta' previżjoni ⁽²⁹⁾.

⁽²⁹⁾ Dettalji fl-SWD.

L-importanza tal-ħiliet fis-setturi ekonomiċi kollha ġiet enfasizzata, fost l-oħrajn, fl-edizzjonijiet tal-2023-2024 tal-[Ġimgħa Ekoloġika tal-UE](#), il-[Ġimgħa Ewropea għall-Enerġija Sostenibbli](#), il-[Ġimgħa Ewropea tal-Ikkowdjar](#), il-[Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni](#), il-[Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet](#), l-[Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ](#), il-[Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ](#) kif ukoll f'[konferenza](#) dwar l-iżvilupp tal-ħiliet permezz ta' riformi.

Dawn l-isforzi ssaħħew minn istituzzjonijiet u minn aġenziji oħrajn tal-UE. Il-**Parlament Ewropew** ikkollabora ma' ħames **aġenziji tal-UE** biex jospitaw l-avveniment “[Skills, skills, skills!](#)” fl-20 ta' Settembru 2023. **Is-Cedefop** organizza 14-il avveniment u pparteċipa f'aktar minn 270 avveniment relatati mal-ħiliet, filwaqt li l-**Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ** organizza 144 avveniment. **Ir-Rappreżentazzjonijiet u d-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni** organizzaw aktar minn 270 avveniment, laqgħat mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u attivitajiet ta' komunikazzjoni taħt l-istrixxun tas-Sena.

4. Ħidma fil-ġejjieni dwar il-ħiliet

Kif Mario Draghi jistabbilixxi fir-rapport tiegħu dwar il-[Futur tal-Kompetittività Ewropea](#), hemm bżonn kbir li jitkompla l-investiment fil-ħiliet tan-nies fl-Ewropa, kemm biex dawn jiġu meġhuna jirnexxu kif ukoll biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea fuq skala globali.

Dawn il-kwistjonijiet ewlenin ħarġu mid-diskussjonijiet tas-Sena, li se jikkontribwixxu għal azzjonijiet futuri dwar il-ħiliet:



Fit-18 ta' Lulju 2024, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen ippreżentat il-[Linji Gwida Politiċi għall-mandat tal-Kummissjoni tal-2024-2029](#) lill-Parlament Ewropew. Hija saħqet li:



“ **L-Ewropa teħtieġ bidla radikali fl-ambizzjoni u l-azzjoni - għal-livelli kollha tal-ħiliet u għat-tipi kollha ta' taħriġ u edukazzjoni.** ”

Ursula Von der Leyen

Fil-5 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni adottat l-**Unjoni tal-Ħiliet** — viżjoni ġenerali ġdida li tgħaqqad il-politiki tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-impjiegi, fil-qalba tal-kompetittività tal-Ewropa. Din għandha l-għan li tagħti s-setgħa lin-nies tagħna biex jibnu pedamenti sodi ta' ħiliet u jinvolvu ruħhom fit-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet għal ħajja sodisfaċenti. Din se ttejjeb il-kompetittività tal-kumpaniji billi tgħin hom isibu t-talent li jeħtieġu biex jgħolqu tkabbir sostenibbli u impjiegi ta' kwalità. Objettiv ieħor huwa li l-ħiliet u l-kwalifiki jsiru trasparenti, fdati u rikonoxxuti madwar l-UE, indipendentement minn fejn ikunu nkisbu.

5. Konklużjoni

Is-Sena rnexxiet fil-promozzjoni ta' mentalità ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet madwar l-Ewropa ⁽³⁰⁾ u fil-livelli nazzjonali u reġjonali ⁽³¹⁾. Aktar Ewropej huma konxji mill-politiki dwar il-ħiliet ⁽³²⁾ u huma lesti li jħarrġu ⁽³³⁾.

Il-konverżazzjoni li saret matul is-sena dwar il-ħiliet ikkonfermat bil-qawwa l-importanza li tiġi aċċettata kultura ta' apprendiment tul il-ħajja u li jiġu ttrasformati s-sistemi tal-ħiliet. Dan jeħtieġ viżjoni strateġika, appoġġata minn impenn politiku fit-tul, approċċi sodi ta' gvern sħiħ, involviment qawwi tal-partijiet ikkonċernati u finanzjament adegwat.

Filwaqt li l-partijiet ikkonċernati jirrikonoxxu li s-Sena hija punt tat-tluq sinifikanti, hemm sejħa qawwija għal momentum sostnut, u jirrikonoxxu l-hteġa għal bidla permanenti fil-mentalità.

Meta tħares 'il quddiem, il-Kummissjoni se tibbaża fuq l-eżiti tas-Sena biex tavvanza l-implimentazzjoni ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet u li jħaddnu era ġdida ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet b'mod kontinwu, bl-għan li tiġi stabbilita Unjoni tal-Ħiliet li tappoġġa l-kompetittività u l-preparatezza tal-UE. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, mal-pajjiżi sħab, mas-sħab soċjali, mas-soċjetà ċivili u ma' partijiet ikkonċernati oħra. Minkejja li spiċċat is-Sena, se tkompli l-ħidma biex jiġi promoss ulterjorment l-iżvilupp tal-ħiliet, tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol tal-Ewropa u n-nies jgħixu ħajja sodisfaċenti u ta' ġid.

⁽³⁰⁾ L-istħarriġ tal-partijiet ikkonċernati ta' Ġunju 2024 (747 risponent): 84 % qablu.

⁽³¹⁾ L-istħarriġ tal-Koordinaturi Nazzjonali ta' Ġunju 2024 (33 risponent): 31 qablu.

⁽³²⁾ L-istħarriġ tal-partijiet ikkonċernati ta' Ġunju 2024: "91 % tar-risponenti kienu tal-fehma li s-Sena qajmet kuxjenza dwar l-iżvilupp tal-ħiliet." L-istħarriġ taċ-ċittadini ta' Diċembru 2023: "53 % huma konxji mill-politiki dwar il-ħiliet tal-UE, meta mqabbla ma' 26 % qabel is-Sena".

⁽³³⁾ L-istħarriġ taċ-ċittadini ta' Diċembru 2023: "64 % ta' daww espsti għall-kampanja kienu aktar lesti li jagħmlu kors ta' taħriġ".